MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 58/2007/3

**A B *sive* C D**
**vs**
**E F D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu;**

Rat ir-rikors tal-attrici tat-12 ta' Lulju 2013 li permezz tieghu talbet li l-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

Rat li b'risposta l-konvenut iddikjara li ma jopponix ghalkemm moralment ma jaqbilx mad-divorzju, ma kienx qed joggezzjona ghat-talbiet attrici.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Mill-provi migbura jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewgu fit-3 ta’ Ottubru 1998, u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal li ghadhom minorenni;

Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta’ sentenza ta’ din il-Qorti datata 30 ta’ April 2013. Illi ilhom separati *de facto* ghal akar minn 4 snin;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

**Decide**.

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

Ghal dawn il-motivi,

1) Tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta’ bejn il-partijiet; u

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------